



Brussell, 8 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16263/23

CDR 201

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Ottubru 2023<sup>1</sup>, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Ufuk KÂHYA, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtbur.
2. Permezz ta' ittra datata 23 ta' Ottubru 2023<sup>2</sup>, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġiet proposta għall-ħatra u maħtura.
3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

<sup>1</sup> 14624/23.

<sup>2</sup> 14624/23.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Ufuk KÂHYA, il-Gvern Netherlandiż ippropona<sup>3</sup> lis-Sur Guido Pascal RINK, rappreżentant ta' korp lokali li huwa politikament responsabbi quddiem assemblea eletta, *Wethouder gemeente Emmen* (Viċi Sindku tal-muniċipalità ta' Emmen), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-25 ta' Jannar 2025.
5. Barra minn hekk, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, il-Gvern Netherlandiż ippropona<sup>4</sup> lis-Sa Marina Caroline STARMANS-GELIJNS, rappreżentanta ta' korp lokali li hija politikament responsabbi quddiem assemblea eletta, *Burgemeester van de gemeente Etten-Leur* (Sindku tal-muniċipalità ta' Etten-Leur), abbażi ta' mandat differenti, bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintem fil-25 ta' Jannar 2025.
6. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 16262/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.

---

<sup>3</sup> 16261/23.

<sup>4</sup> 16261/23.